MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 91/2004

Therese sive Carmen Dimech .

VS

Direttur Registru Pubbliku .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici Theresa sive Carmen Dimech wara li ppremettiet :

Illi hija twieldet fin-Nadur, Ghawdex fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija tmienja u erbghin (1948) u l-att tat-twelid taghha gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bin-numru progressiv erba' mija u erbgha u sebghin tas-sena elf disa' mija tmienja u erbghin (474/1948) (Dok A) ;

Illi f'dan l-istess att tat-twelid l-ismijiet moghtija lill-attrici kienu "Carmela, Mary, Therese, Josephine, Pauline"

filwaqt l-isem li bih kellha tigi msejha l-attrici tnizzel bhala “Therese” ;

Illi effettivament l-ismijiet li kienet giet moghtija l-attrici fil-gurnata tat-twelid taghha u fic-cerimonja tal-maghmudija taghha, li saret fl-istess jum tat-twelid taghha, l-ismijiet moghtija lilha kienu “Carmen, Pauline u Josephine” u ghalhekk l-isem li kellha tissejjah bih l-attrici kellu jkun “Carmen” u dana kif jirrizulta mic-certifikat tal-Maghmudija tal-Knisja li kopja tieghu qed tigi esebita u mmarkata bhala “Dok B” ;

Illi matul hajjitha l-attrici minn dejjem uzat l-isem ta’ “Carmen” u sahansitra fic-certifikat taz-zwieg taghha li gie ccelebrat fl-Awstralja isimha tnizzel bhala “Carmen”, u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-Zwieg taghha li kopja tieghu qed tigi esebita u mmarkata bhala “Dok C” ;

Illi fil-hajja ta’ kuljum taghha u b’mod ufficjali l-attrici dejjem tuzgha l-isem ta’ “Carmen”, u di fatti dejjem tiffirma bhala “Carmen” kif anke jirrizulta mic-certifikat taz-Zwieg hawn fuq imsemmi, fejn tidher ukoll il-firma ta’ l-attrici ;

Illi din id-diskrepanza fic-certifikat tat-Twelid ta’ l-attrici qed tohloqilha diffikultajiet serji b’mod partikolari meta tigi biex tapplika ghal xi haga ufficjali meta l-isem taghha fir-realta’ u cioe’ dak ta’ “Carmen” ma jaqbilx ma’ dak li effettivament hu mnizzel fic-certifikat tat-twelid u cioe’ “Therese” .

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru erba’ mija u erbgha u sebghin tas-sena elf disa’ mija tmienja u erbghin (474/1948) billi fil-kolonna “Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” l-isem “Therese” jigi sostitwit bl-isem “Carmen” kif ukoll fil-kolonna “Ismijiet moghtija” l-ismijiet ‘Carmen, Mary, Therese, Josephine, Pauline’ jigu sostitwiti bl-ismijiet “Carmen, Josephine, Pauline” .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ngunt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess attrici, ikkonfermata bil-gurament taghha .

Rat ukoll id-dokumenti annessi mac-citazzjoni, u cioe’ bhala dokument “A”, kopja tac-certifikat tat-twelid numru erba’ mija erbgha u sebghin tas-sena elf disa’ mija tmienja u erbghin (474/1948); bhala dokument “B” kopja tac-certifikat tal-maghmudija ta’ l-attrici; u bhala dokument “C”, kopja tac-certifikat taz-zwieg ta’ l-istess attrici .

Rat ukoll in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa ;

1. Illi ghal dak illi jirrigwardja l-att tat-twelid, id-Direttur Registru Pubbliku rregistra “Carmela, Mary, Therese, Josephine, Pauline” bhala isem l-attrici kif gie ndikat lilu mill-genituri tal-attrici ;

2. Illi jekk hemm xi zball fl-isem tal-attrici, dan l-izball hu tort tal-attrici nnifisha jew/u tal-genituri taghha ;

3. Illi salv il-premess, huwa ma hux edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi migjuba mir-rikorrenti ikunu sodisfacenti u korretti skond il-ligi .

4. Illi ghaldaqstant, l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sofferti interament mill-attrici u f’kull kaz id-direttur ma ghandux ibati spejjez .

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku kkonfermata bil-gurament tieghu .

Semghet lill-attrici bil-gurament taghha tikkonferma fl-udjenza tal-lum il-kontenut tac-citazzjoni .

Rat ukoll id-degriet taghha tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' settembru, elfejn u erbgha (2004), li permezz tieghu l-Qorti awtorizzat lill-attrici tipprocedi ghal kawza permezz ta' l-ghajnuna legali .

Il-Qorti, peress li jidhrilha illi t-talba ta' l-attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talba attrici, u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru erba' mija erbgha u sebghin tas-sena elf disa' mija tmienja u erbghin (474/1948), illi fil-kolonna "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" l-isem "Therese" jigi sostitwit bl-isem "Carmen" kif ukoll fil-kolonna "Ismijiet moghtija" l-ismijiet 'Carmela, Mary, Therese, Josephine, Pauline' jigu sostitwiti bl-ismijiet "Carmen, Josephine, Pauline" .

Minhabba n-natura ta' din il-kawza ma ghandux ikun hemm spejjez .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------